**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Simone Grech LL.D.**

**Seduta tas-6 ta' Mejju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney, Spettur Mario Xiberras,**
**Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Leon Lee Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Leon Lee Zammit, detentur tal-karta tal-identita numru: 351099(M) li permezz taghhom l-istess Leon Lee Zammit gie akkuzat li:

1. *Nhar is- 17 ta' Novembru 2018, ghal habta tas- 03:00 hrs ta' filghodu min gewwa ristorant bl- isem ta' Maestrale Gourmet sitwat fi' Triq il- Kbira l-Mgarr, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, persuna u hin, bi ksur* ***tal- Artikoli 262, 263, 279(b), 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

2. *Kif ukoll talli nhar id- 29 ta' Novembru 2018, ghal habta tas- 01:00 ta' filghodu min gewwa ristorant bl- isem ta' Maestrale Gourmet sitwat fi' Triq il- Kbira l-Mgarr, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, valur,*

*persuna u hin, bi ksur **tal- Artikoli 262, 263, 279(b), 268 u 270 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

3. *Nhar it- 13 ta' Dicembru 2018 ghal habta tal- 10:00 hrs ta' filghaxija, minn gewwa ristorant bl- isem ta' Maestrale Gourmet sitwat fi' Triq il- Kbira l-Mgarr, bil-hsieb li jikkomettu d-delitt ta' serq agravat bil- mezz, valur u hin urew dan bi hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad- delitt u li tali delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta taghhom bi ksur tal- **Arikolu 41(1)(a), 263, 279(b) u 270 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

4. *Nhar il- 31 ta' Dicembru 2018, ghal habta tas- 18:00 hrs ta' filghaxija min gewwa residenza 'Royal Lodge' Flat 4A fi Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti u gojjelli, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil-valur u bil-lok, bi ksur **tal- Artikoli 263, 279(b) u 269 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

*Il-Qorti hija gentilment mitluba biex f'kaz ta' htija tordna lil-akkuzat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat Leon Lee Zammit liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li nghata zmien sufficjenti sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni.

Rat il-*pre-sentencing report* ippreparat fir-rigward tal-imputat Leon Lee Zammit.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidrat;**

Fuq ammissjoni din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li ssib htija fl-imputat fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati mwettqa u ammessi mill-imputat fi stadju bikri tal-kawza kif ukoll il-fedina penali tiegħu li hija wahda nadifa. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali ta' l-istess imputat hekk kif delinjati mill-probation officer Mary Anne Zammit.

Dejjem għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li hawn si tratta reati kontinwati izda li jissussisti l-assorbiment tar-reati bejn id-diversi reati dedotti fil-konfront ta' l-imputat.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu appena osservat u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 41 (1) (a), 262, 263, 268, 270, 279(b) u 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu, ħati ta' l-akkużi kollha dedotti kontrih, tqieghed lill-imputat Leon Lee Zammit taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew probation officer iehor minnu nominat.

Il-Qorti qeghda wkoll tqieghed lil hati Leon Lee Zammit taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali ghal perijodu ta' tlett snin dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza u dan bil-ghan li l-istess Zammit jinghata ghajnuna professjonali sabiex jindirizza l-problemi u l-effett li hallew fuqu l-esperjenzi tal-passat u kif ukoll biex jindirizza l-problema tad-droga. Ghal dan l-iskop, qeghda tordna li l-istess Leon Lee Zammit jitqieghed taht il-kura Psikologu u Psikjatra li ghandhom ikollhom dawk is-setghat kollha mehtiega sabiex iwetqu din l-Ordni ta' din il-Qorti, nonche li jaghmlu dawk l-ezamijiet kollha mehtiega fuq il-hati Leon Lee Zammit nonche jippreskrivu dawk it-trattamenti u/jew kura u/jew programmi kollha li jkunu mehtiega biex Leon Lee Zammit jeghleb b'success il-kondizzjonijiet psikologici li jidher afflitt minnhom nonche l-abbuz mill-vizzju tad-droga, liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti illum stess u anness ma` din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini tal-Artikoli 412D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti fissret lil Leon Lee Zammit bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**Dr Simone Grech**
**Magistrat**